# IL-BIBBJA MQADDSA U L-HEKK IMSEJĦA “GAP THEORY”

Minn
George Ebejer

# PROBLEMI MAT-TEORIJA HEKK IMSEJĦA "GAP THEORY"

# HIJA L-"GAP THEORY" MOD AĊĊETTABBLI BIEX TARMONIZZA L-BIBBJA U R-REĠISTRAR ĠEOLOĠIKU?

It-teorija ħerba-u-rikostruzzjoni (ruin-and-reconstruction theory) (imsejħa wkoll "gap theory") tpoġġi spazju ta' żmien intermedju bejn l-ewwel żewġ versi ta' <u>Ġenesi kapitlu 1</u>. Dan il-maħsub "spazju" ("gap") kien użat biex jipprova jarmonizza l-Bibbja mal-maħsuba miljuni ta' snin tar-reġistrar ġeoloġiku.

## PROBLEMI TAL-"GAP THEORY"

1. **Hija inkonsistenti ma' Alla joħloq <u>kollox f'sitt ijiem</u>,** kif tgħid l-Iskrittura Mqaddsa. **<u>Eżodu 20:11</u>** igħid,

> "*Għax f'sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u* ***kulma hemm fihom****, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek Yaħweh jum is-Sibt, u qaddsu.*"

Għalhekk, il-ħolqien tas-smewwiet u l-art (Ġenesi 1:1) u l-baħar u ***kulma*** hemm fihom (il-bqija tal-ħolqien) kien komplut f'sitt ijiem. *Fejn hemm żmien għal spazju (gap)*?

2. **Hija tpoġġi l-mewt, mard, u tbatija qabel il-Waqa', kuntrarju għal l-Iskrit-tura.** **Rumani 5:12**,

> "*Għalhekk, bħalma bi bniedem wieħed [Adam] id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt bid-dnub;* ***u hekk il-mewt għaddiet għal fuq kull bniedem****, għax kollha dinbu.*"

Minn dan aħna nifhmu li ma kienx jista' li kien hemm dnub uman jew mewt *qabel* Adam.

Il-Bibbja tgħallem (1 Korintin 15) li Adam kien *l-ewwel* bniedem, u bħala riżultat tar-ribelljoni tiegħu, dnub, mewt u korruzzjoni (mard, tixrid ta' demm, u tba-tija) daħlu fl-univers. Qabel ma Adam din-

eb ma kien jista' jkun hemm ebda (*neph-esh*[1]) mewt ta' annimal jew ta' bniedem.

Innota wkoll li ma kienx jista' jkun hemm razza ta' bnedmin qabel Adam li mietu fid-"dulluvju ta' Luċifru" ("Lucifer's flood," għal tifsira dwar l-isem "Luċifru," ara paġna 35) għaliex 1 Korintin 15:45 igħidilna li Adam kien "**l-ewwel**" bnie-dem:

> "*U hekk hu miktub: **L-ewwel bniedem Adam** sar ruħ ħajja; l-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja.*"

**<u>Ġenesi 1:29-30</u>** igħallmuna li l-annimali u l-bniedem kienu oriġinarjament maħluqa veġiterjani. Hawn naqraw:

> "*U Alla qal: Ara, tajtkom il-ħa-xix kollu li jagħmel iż-żerrie-għa, li qiegħed fuq wiċċ l-art kollha, u s-siġar kollha, li jagħ-mlu frott is-siġar biż-żerriegħa: **lilkom ikunu ta' ikel**. U lil kull bhima ta' l-art, u lil kull*

*tajra tas-sema, u lil kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art, li fiha hemm il-ħajja, jien tajt* ***il-ħaxix kollu b'ikel****: u hekk kien.*"

Dan hu konsistenti mad-deskrizzjoni tal-ħolqien ta' Alla bħala "*tajjeb ħafna.*" Kif jista' reġistrar ta' fossili li jagħti xhieda ta' mard, vjolenza, mewt, u taħsir (fossili ta' annimali kienu nstabu apparentament jiġ-ġieldu u ċertament jieklu wieħed lil ieħor) ikun imfisser bħala "tajjeb ħafna"? Għal-hekk, il-mewt ta' biljuni ta' annimali (u ħafna bnedmin) kif jidher fir-reġistrar tal-fossili kellha tiġri wara d-dnub ta' Adam. Il-ġrajja storika tad-dulluvju ta' Noè f'Ġe-nesi, tipprovdi spjega għall-preżenza ta' numri kbar ta' annimali mejta midfuna f'saffi ta' blat imqiegħda permezz ta' l-ilma madwar id-dinja kollha.

**Rumani 8:22** igħallimna li "*aħna nafu li l-ħolqien kollu jokrob u jħoss l-uġiegħ tal-ħlas sa dan il-waqt.*" Biċ-ċar il-ħolqien kollu kien, u huwa, suġġett għat-taħsir u

korruzzjoni minħabba d-dnub. Ir-reġistrar tal-fossili juri mard, taħsir, u mewt.

- Meta t-teoristi tat-teorija "gap" jemmnu li l-mard, taħsir, u mewt eżista ***qabel*** ma Adam dineb, huma jinjoraw li dan jikkontradixxi t-tagħlim ta' l-Iskrittura.[2]

Il-verżjoni tal-"gap theory" li tpoġġi l-waqa' ta' Satana fit-tmiem taż-żminijiet ġeoloġiċi, sewwasew qabel il-maħsub dul-luvju ta' Luċifru qabel Adam, għandha problema oħra – il-mewt u t-tbatija rreġistrati fil-fossili għandhom ikunu l-ħitja ta' Alla. Billi dan ġara qabel il-waqa' ta' Satana, Satana u d-dnub ma jistgħux ikunu mogħtija l-ħtija għal dan.[3]

3. **Il-"gap theory" hija loġikament inkonsistenti għaliex din iġġib fix-xejn dak li hija suppost takkomoda –xhieda maħsuba għal dinja antika.** "Gap" teoristi jaċċettaw lid-dinja hija antika ħafna. Huma jibbażaw dan fuq ix-xhieda ġeoloġika interpretata bl-assunzjoni li l-preżent huwa ċ-ċavetta għall-passat. Din l-assun-

zjoni timplika li fil-passat, sedimenti li fih-om il-fossili ffurmaw bażikament bl-istess rata kif huma jagħmlu llum. Dan huwa wżat ukoll minn ħafna ġeoloġisti u bijolo-ġisti biex jiġġustifika t-twemmin tagħhom til-"kolonna ġeoloġika" kif irrappreżentata minn miljuni ta' snin ta' storja tad-dinja. Din il-kolonna ġeoloġika kienet saret il-vetrina ta' l-evoluzzjoni għaliex il-fossili huwa mistqarr li juru "moviment 'il fuq" minn form sempliċi għal kumplessi.

Dan iqiegħed lit-teoristi tal-"gap" f'dil-emma. Ikkommettuti għall-ħolqien lettera-li minħabba l-aċċettazzjoni tagħhom ta' veduta "letterali" ta' Ġenesi, huma ma jistgħux jaċċettaw il-konklużjonijiet ta' l-evoluzzjoni bbażati fuq il-kolonna ġeolo-ġika. Lanqas ma huma jistgħu jaċċettaw li l-jiem fir-rakkont ta' Ġenesi jikkorrispon-du għall-perjodi ġeoloġiċi. Għalhekk hu-ma jipproponu li Alla fforma mill-ġdid l-art u ħoloq mill-ġdid il-ħajja kollha f'sitt ijiem letterali wara "d-dulluvju ta' Luċi-

fru” (li pproduċa fossili); għalhekk l-isem “ruin-reconstruction.” Id-dnub ta’ Satana, skond kif jintqal, ikkawża dan id-dulluvju u l-ħaqq li rriżulta fuq dak id-dnub naqqas id-dinja ta’ qabel għal stat ta’ li “kienet bla forma u ma kien fiha xejn.”

Waqt lit-teoristi tal-“gap” forsi jaħsbu lid-dulluvju ta’ Luċifru solva l-problema, dan attwalment ineħħi r-raġuni għat-teorija fl-ewwel post. Jekk kollha, jew il-biċċa l-kbira, tas-sedimenti u l-fossili kienu ppro-duċuti malajr f’dulluvju wieħed kbir ta’ Luċifru mad-dinja kollha, allura “x-xhie-da” prinċipali lid-dinja hija antika ħafna (ibbażata fuq il-maħsuba formazzjoni bil-mod tas-sedimenti) ma teżistix aktar.

Ukoll, kieku d-dinja kienet imnaqqsa għal tħarbita kaotika bla ebda forma, kif jipproponu t-teoristi tal-“gap,” kif jista’ ġmigħ raġjunevoli ta’ fossili u sedimenti jibqa’ bħala xhieda? Żgur li b’kaos bħal dan ir-reġistrar tal-fossili jkun intorrot ser-jament, jekk mhux meqrud għalkollox.

(Dan l-argument japplika wkoll għal dawk li jgħidu lir-reġistrar tal-fossili fforma matul mijiet ta' miljuni ta' snin qabel dan l-hekk imsejjaħ "dulluvju ta' Luċifru," li kieku severament kien jirranġa mill-ġdid l-affarijiet.)

**4. Il-"gap theory" twarrab għalkollox ix-xhieda tad-dulluvju ta' Noè.**

Jekk ir-reġistrar tal-fossili kien iffurmat permezz tad-"dulluvju ta' Luċifru," allura x'għamel id-dulluvju globali ta' Noè? Fuq dan il-punt it-teorista tal-"gap" huwa sfurzat biex jikkonkludi lid-dulluvju ta' Noè ma ħalla virtwalment l-ebda traċċa. Biex ikun konsistenti, it-teorista tal-"gap" ikollu jiddefendi d-dulluvju ta' Noè bħala ġrajja lokali. Custance, wieħed mill-proponenti maġġuri tal-"gap theory," hekk għamel. Hu saħansitra ppubblika rapport fejn jid-defendi dulluvju lokali.[4]

Ġenesi, iżda, juri d-dulluvju ta' Noè bħala ġudizzju għad-dnub tal-bniedem

(Ġenesi 6). Ilma għarraq id-dinja għal mija u ħamsin jum (Ġenesis 6:17 u 7:19-24). Tmien persuni biss, u annimali li jieħdu nnifs li kienu magħhom fuq l-arka, għexu (Ġenesi 7:23).

Sfortunatament, f'li rrelegaw l-irreġistrar tal-fossili għal maħsub "gap," il-"gappisti" neħħew ix-xhieda għall-ħaqq ta' Alla fuq id-dinja vjolenti ta' qabel id-dulluvju fiċ-ċimiterju tad-dulluvju. Il-fossili midfuna permezz tad-dulluvju għandhom iwissuna dwar il-ħaqq ta' Alla li għandu jiġu fuq il-bnedmin midinba (2 Pietru 3:2-14).

5. **It-teorista tal-"Gap" jinjora x-xiehda għal dinja żagħżugħa.**

Il-veru teorista tal-"gap" jinjora wkoll ix-xhieda konsistenti ma' żmien għal dinja ta' inqas minn 10,000 sena. Hemm ħafna xhieda għal dan – it-taħsir u t-taqlib rapidu ta' l-għalqa manjetika; il-kwantità ta' elju (gass ħafif bla kulur li ma jaqbadx) fl-atmosfera tad-dinja; l-ammont tal-melħ fl-oċeani; id-dawrien tal-galassji spirali; u

ħafna aktar.[5]

6. **Il-"Gap Theory" tonqos li takkomoda kejl ġeoloġiku uniformitarju biżżmimijiet twal tagħha hu kif inhu.**

Il-ġeoloġist uniformitarji tal-lum ma jħallux għal dulluvju dinji ta' xi xorta – l-immaġinarju dulluvju ta' Luċifru, jew il-veru dulluvju ta' Noè. Huma wkoll ma jagħrfu ebda separazzjoni bejn id-dinja ta' qabel maħluqa u d-dinja kurrenti maħluqa mill-ġdid.

7. **L-aktar importanti, il-"gap theory" iddgħajjef l-Evanġelju mill-pedament tiegħu.**

Billi taċċetta żmien antik għad-dinja (bbażat fuq l-interpretazzjoni msejħa "standard uniformitarian interpretation of the geologic column"), it-teoristi "gap" iħallu s-sistema evoluzzjonarja mhux mimsusa (li bl-assunzjonijiet tagħhom stess huma jopponu).

Saħansitra agħar minn hekk, huma għa-

ndhom jitteorizzaw ukoll li Rumani 5:12 u Ġenesi 3:3 jirreferu biss għall-mewt spiritwali. Imma dan jikkontradixxi Skritturi oħra (1 Korintin 15; Ġenesi 3:22-23). Dawn il-passaġġi jgħidulna lid-dnub ta' Adam wassal għall-mewta *fiżika* kif ukoll mewta spiritwali. Fl-1 Korintin 15 il-mewt ta' l-aħħar Adam (il-Mulej Ġesù Kristu) hija mqabbla mal-mewt ta' l-ewwel Adam. Ġesù sofra mewta fiżika għad-dnub tal-bniedem, għaliex Adam, l-ewwel bniedem, miet fiżikament minħabba d-dnub. Ġenesi 3:22-23 jgħidilna illi kieku Adam u Eva ħadu mis-Siġra tal-Ħajja, huma kienu jgħixu għal dejjem, imma Alla ddikjara li huma kellhom imutu fiżikament minħabba d-dnub tagħhom.

F'li poġġa fuq il-bniedem is-saħta tal-mewt fiżika, Alla pprovda triq biex jifdi lill-bniedem permezz tal-persuna ta' Ibnu, Ġesù Kristu, li bata s-saħta tal-mewt fuq is-salib għalina. "*Hu daq il-mewt għal kulħadd*" (Lhud 2:9). Billi sar is-sagrifiċċju perfett għad-dnub u r-ribelljoni tagħna, Hu

rebaħ lill-mewt. Hu ħa l-penalità li bi dritt kellha tkun tagħna f'idejn ta' mħallef ġust, u ġarr fuq ġismu stess fuq is-salib. Dawk kollha li jemmnu f'Ġesù Kristu bħala Mulej u Salvatur huma meħuda lura għand Alla biex igħaddu l-eternità Miegħu. Dak hu l-messaġġ tal-Kristjaneżmu. *Li temmen li kien hemm il-mewt qabel id-dnub ta' Adam jeqred il-bażi tal-messaġġ Kristjan*, għaliex il-Bibbja tgħid li l-azzjonijiet ribellużi tal-bniedem wasslu għall-mewt u kor-ruzjoni ta' l-univers. (Rumani 8:19-22). Għalhekk, il-"gap theory" d-dgħajjef is-sisien tal-Kristjaneżmu.

Ġenesi jirreġistra katastrofu li qered l-organiżmi kollha li kellhom "in-nifs tal-ħajja fihom" barra minn dawk ippriservati fl-arka ta' Noè. Kristu rrifera għad-dulluvju ta' Noè f'Mattew 24:37-39, u l-appostlu Pietru jikteb li, l-istess kif darba kien hemm ġudizzju globali ta' l-umanità bl-ilma, hekk ukoll ikun hemm ġudizzju ieħor mad-dinja kollha bin-nar (2 Pietru 3).

Huwa aktar konsistenti ma' l-istruttura

kollha ta' l-Iskrittura li tattribwixxi l-biċċa l-kbira tal-fossili mad-dulluvju ta' Noè mi-lli tmur għal interpretazzjoni stramba tal-waqa' ta' Satana[6] u katastrofu spekulattiv għalkollox li ma jikkontribwixxi xejn għal l-għarfien Bibliku, jew għax-xjenza.

Barra dan, li tappoġġja l-mewt qabel ma Adam dineb jikkontradixxi t-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura li l-mewt ġiet biss wara li Adam dineb u għamlet il-fidwa neċessarja.

***Il-"gap theory" tkisser is-sisien ta' l-Evanġelju.***

**Ħarsa bir-Reqqa Lejn Ġenesi 1:1-2**

Il-manuskritt l-aktar bikri ta' Ġenesi 1:1-2 jinsab fit-traduzzjoni Griega tat-Test-ment il-Qadim, is-Settanta (LXX), ippre-parat f'madwar 250-200 Q.K. L-LXX ma jippermettix il-qari ta' xenarju ta' xi hekk imsejħa "ruin-reconstruction" f'dawn il-versi, kif saħansitra jammetti

Custance. Ħarsa aktar mill-qrib lejn dawn il-versi tir-rivela lit-teorija "gap" timponi interpretaz-zjoni fuq Ġenesi 1:1-2 li hija mhux natu-rali, u gramattikament mhux soda.

Bħal ħafna attentati biex jarmonizzaw il-Bibbja mal-maħsuba żminijiet twal uni-formitarji ġeoloġiċi ta' l-istorja tad-dinja, it-teorija "gap" tinvolvi tgħawwiġ imfisser tajjeb imma ddiżgwidat ta' l-Iskrittura.

F'li ġej aħna sejrin nittrattaw mal-ħam-es taqsimiet maġġuri ta' interpretazzjoni li huma fuq il-"gap theory." Għal analisi ak-tar sħiħa, aħna nirrikmandaw il-ktieb *Un-formed and Unfilled*.[7]

## Toħloq u tagħmel (Ebrajk: bara u asah)

Huwa ġeneralment irrikonoxxut li l-kel-ma Ebrajka *bara*, użata ma' "Alla" bħala s-suġġett tagħha, tfisser "li toħloq"–fis-sens tal-produzzjoni ta' xi ħaġa li ma kinetx teżisti qabel.

Iżda, fir-Raba' Kmandament Alla "għamel" (*asah*) is-smewwiet u l-art u dak

kollu fihom f'sitt ijiem (Eżodu 20:11). Jekk Alla għamel kollox f'sitt ijiem mela biċ-ċar ma hemm ebda lok għal spazju ("gap"). Biex jevitaw din ix-xhieda ċara skritturali kontra xi "gap," it-teoristi "gap" allegaw li *asah* ma tistax tfisser "li toħloq," imma li "tifforma" jew saħansitra li "tifforma mill-ġdid." Huma jistqarru li Eżodu 20:11 jirreferi mhux għal sitt ijiem tal-ħolqien, imma sitt ijiem ta' furmar mill-ġdid ta' dinja meqruda.

Imma hemm differenza bħal din bejn *bara* u *asah* fl-użu Bibliku? Numru ta' versi juru li waqt li *asah* tista' tfisser "li tagħmel," din tista' wkoll tfisser "li toħloq," l-istess bħal *bara*. Per eżempju, Neħemija 9:6 jgħid li Alla għamel (*asah*) "għamel is-sema, is-sema tas-smewwiet, *bl-eżerċtu tagħhom kollu*, l-art, u *kulma hemm* fuqha, l-ibħra, u *kulma hemm fihom...*" Ir-riferen-za ovvjament hija għall-ħolqien *ex nihilo*, imma l-kelma *asah* hija wżata. (Aħna nis-tgħu b'mod fiż-żgur nassumu li ebda "gap-pista" ma jkun irid li jgħid li

Neħemija 9:6 tirreferi għall-maħsuba "rikostruzzjoni," għaliex jekk hekk, il-"gappisti" jkollhom jinkludu wkoll l-istrata ġeoloġika, fejn iċaħħdu t-teorija kollha minn xi skop.)

Il-fatt huwa li l-kliem *bara* u *asah* huma spiss użati bħala li jfissru l-istess fit-Test-ment il-Qadim; tabilħaqq, f'xi postijiet dawn huma wżati f'paralelliżmu sinonimu (eżempju: Ġenesi 1:26-27; Eżodu 34:10; Isaija 41:20; 43:7).

Napplikaw din il-konklużjoni għal Eżo-du 20:11 (31:12-18 [v. 17]) kif ukoll bħal Neħemija 9:6, aħna naraw li l-Iskrittura tgħallem li Alla ħoloq l-univers (u kollox) f'sitt ijiem, kif imniżżla f'Ġenesi 1.

## Il-Grammatika ta' Ġenesi 1:1-2

Ħafna li jħaddnu l-"gap theory" jistqarru li l-grammatika ta' Ġenesi 1:1-2 tipper-metti, saħansitra teħtieġ, spazju-ta'-żmien (time-gap) bejn x'ġara f'vers 1, u x'ġara f'vers 2. F'dan l-ispazju – emmnut li hu miljuni ta' snin – huma jridu li jpoġġu l-

fenomeni maġġuri kollha li ffurmaw id-dinja.

Din hija interpretazzjoni l-aktar mhux naturali, li mhix issuġġerita bit-tifsira ċara tat-test. L-aktar qari sinċier u onest tal-versi jara vers 1 bħala klawsola tas-suġġett u l-verb, b'vers 2 fih tliet "klawsoli dettal-jati" – jiġifieri, stqarrijiet jiddeskrivu ċ-ċirkustanzi intordotti permezz tal-klawsola prinċipali f'vers 1.

Din il-konklużjoni hi msaħħa mill-gram-matiku Gesenius. Hu jgħid li l-konġunz-joni (għaqda ta' ġrajjiet) *waw* ("u") fil-bidu ta' vers 2 hija "*waw* kopulattiv" (kel-ma li tgħaqqad), li tikkompara ma' l-esp-ressjoni antika Ingliża "to wit" (biex ngħid hekk, jew jiġifieri).

Din il-konnessjoni grammatika bejn versi 1 u 2 għalhekk iġġib fix-xejn l-hekk imsejħa "gap theory." Vers 2 huwa fil-fatt deskrizzjoni ta' l-istat tad-dinja oriġinarja-ment maħluqa: "***U** l-art kienet bla forma, u vojta*" (Ġenesi 1:2).

## “Kienet” jew “Saret”?

“Gappisti” jittraduċu “l-art *kienet* bla forma, u vojta” bħala “l-art *saret* [jew, “kienet saret”] bla forma u vojta.” Fil-peri-klu hija t-traduzzjoni tal-kelma Ebrajka *hayetah* (forma tal-verb Ebrajk, *hayah*, “li tkun”).

Custance jistqarr li barra minn 1,320 waqtiet tal-verb *hayah* fit-Testment il-Qa-dim, 24 biss jista’ jintqal li jġibu t-tifsira “li tkun.” Hu jikkonkludi li f’Ġenesi 1:2 *hayetah* għandha tfisser “saret” u mhux sempliċiment “kienet.”

Erġa’ nnota lit-tifsira ta’ kelma hija kkontrollata mill-kuntest tagħha, u li aħna rajna aktar qabel li vers 2 huwa dettall, jew xhieda ċir-konstanzjali għall-vers 1. Għal-hekk, “kienet” hija l-aktar traduzzjoni nat-urali u xierqa għal *hayetah*. Din hija tra-dotta f’dan il-mod fil-biċċa l-kbira tal-ver-żjonijiet Ingliżi (kif ukoll l-LXX). Barra dan, f’Ġenesi 1:2 *hayetah* mhijiex segwita bil-prepożizzjoni

*le*, li kieku kienet tneħħi kull ambigwità fl-Ebrajk u kienet teħtieġ it-traduzzjoni "saret." Dawn huma provi l-aktar ċari li juru kemm huma żbaljati t-teoristi tal-"gap."

## *Tohu* u *Bohu*

Dawn Iż-żewġ kelmiet pjaċevoli huma normalment tradotti "bla forma u vojta" (Ġenesi 1:2). Huma jimplikaw li l-univers oriġinali kien maħluq bla ebda forma u mhux mimli u kien, matul sitt ijiem, iffurmat u mimli bl-azzjonijiet kreattivi ta' Alla.

Il-"gappisti" jistqarru li dan il-kliem jimplika proċess ta' qirda ġudizzjarja, u jindika "stat midneb, u għalhekk, mhux oriġinali ta' l-art." Iżda, dan idaħħal f'Ġenesi 1 interpretazzjonijiet li jinsabu f'partijiet oħra tat-Testment il-Qadim b'kuntesti differenti ħafna (jiġifieri, Isaija 34:11 Ġeremija 4:23).

*Tohu* u *Bohu* jidhru flimkien biss fit-tliet postijiet imsemmija fuq tat-Testment

il-Qadim. Iżda, *tohu* tidher weħidha f'numru ta' postijiet oħra u fil-każi kollha din sempliċiment tfisser "bla forma." Il-kelma fiha nfisha ma tgħidilniex dwar il-kawża ta' nuqqas ta' forma; din għandha tkun miġbura mill-kuntest. Isaja 45:18 (spiss ikkwotat mill-"gappisti") huwa muri fil-Verżjoni tar-Re Ġakbu "hu ħalaqha mhux għalxejn [tohu], hu ffurmaha biex tkun abitata." Fil-kuntest, Isaija qiegħed jitkellem dwar Iżrael, il-poplu ta' Alla, u l-grazzja Tiegħu f'li jġibhom lura. Hu m'għażilx il-poplu Tiegħu sabiex jeqirdu, imma biex ikun Alla tagħhom u huma l-poplu tiegħu. Isaija jagħmel analoġija bl-iskop ta' Alla  fil-ħolqien: Hu ma ħalaqx id-dinja għaliha biex tkun vojta! Le, Hu ħalaqha biex tkun iffurmata u mimlija, abitazzjoni xierqa għall-poplu tiegħu. Il-"gappisti" jonqsu għalkollox milli jaraw il-punt meta huma jargumentaw li billi Isaija jgħid li Alla ma ħalaqx id-dinja *tohu*, din kellha ssir *tohu* f'xi żmien aktar wara. Isaija 45: 18 huwa dwar *l-iskop* ta'

Alla f'li joħloq, u mhux dwar l-istat oriġinali tal-ħolqien.

Għalkemm l-espressjoni *tohu* u *bohu* f'Isaija 34:11 u f'Ġeremija 4:23 titkellem dwar bla forma u vojt jirriżultaw minn ġudizzju divin għad-dnub, din it-tifsira mhijiex implicita fl-espressjoni nfisha, imma hija miksuba mill-kuntesti partikulari li fihom din tiġri. Mhuwiex validu mela li ddaħħal dik l-istess tifsira f'Ġenesi 1:2, fejn il-kuntest ma jissuġġerixxihiex. Bħala analoġija, aħna nistgħu naħsbu dwar kelma bħala "vojt," f'riferenza għal skrin tal-kompjuter. Dan jista' jkun vojt għaliex xejn ma kien ittajpjat fuq il-keyboard, jew jista' jkun vojt għaliex l-iskrin kien imħassar. Il-kelma "vojt" ma tissuġġerixxix, fiha nifsha, ir-raġuni għaliex l-iskrin huwa vojt. Huwa hekk ukoll "bla forma u vojt" – dan jista' jkun minħabba lid-dinja ma kinetx għadha ffurmata u mimlija, jew jista' jkun minħabba għal xi ħaġa ssir dak il-mod permezz ta' ġudizzju, per eżempju.

Teoloġi jsejħu l-forma ta' l-użu ta' *tohu*

u *bohu* f'Isaija 34:11 f'Ġeremija 4:23 "Allużjoni verbali." Dawn il-passaġġi fuq ġudizzju jalludu għal l-art bla forma u vojta fil-bidu tal-ħolqien biex jissuġġerixxu l-medda tal-ġudizzju ta' Alla li kellu jiġi. Il-ġudizzju ta' Alla jkun tant sħiħ, komplut li r-riżultat ikun bħad-dinja kif kienet qabel ma kienet iffurmata u mimlija – bla forma u vojta. Dan ma jimplikax li l-istat tal-kreazzjoni f'Ġenesi 1:2 kien imwassal b'xi xorta ta' ġudizzju jew qirda kif immaġinat mill-gappisti. Kif kiteb it-teolo-gu Robert Chisholm Jr., "Fuq kollox, allu-żjoni taħdem biss naħa waħda. Mhuwiex iġġustifikat li tassumi li l-użu ta' Ġeremija tal-frażi f'kuntest ta' ġudizzju timplika xi xorta ta' ġudizzju fil-kuntest ta' Ġenesi 1: 2… Ġeremija mhux qiegħed jinterpreta t-tifsira ta' Ġenesi 1:2."[8]

***Il-"gap theory" timponi interpretazzjoni fuq Ġenesi 1:1-2 li mhix naturali u, grammatika-***

***ment mhux tajba.***

**Il-kelma ngliża "Replenish"**

Ħafna gappisti kienu wżaw il-kelma Ingliża "replenish" (imla mill-ġdid) fit-traduzzjoni KJV (Verżjoni Re Ġakbu) ta' Ġenesi 1:28 biex jiġġustifikaw il-"gap theory" fuq il-bażi li din il-kelma tfisser "imla mill-ġdid." Għalhekk, huma jistqarru li Alla qal lil Adam u Eva biex "jimlew mill-ġdid" l-art, jimplikaw li din kienet darba mimlija bin-nies (il-"pre-Adamites," kif isejħulhom huma, jiġifieri, "dawk ta' qabel Adam"). Iżda, dan hu ħażin. Fl-Ebrajk, il-kelma tradotta "replenish," *raġel*,[9] sempliċiment tfisser "imla" (jew "wettaq" jew "kun mimli").

Il-kelma Ingliża "replenish" fissret imla mis-sekli 13 sa 17. Imbagħad din inbidlet biex tfisser "imla mill-ġdid." Kif il-KJV kien ippubblikat fl-1611 it-tradutturi wżaw il-kelma Ingliża "replensih," li f'dak Iż-żmien kienet tfisser "imla," mhux "imla

mill-ġdid."[10]

## It-Tifsira Ħafifa Ta' Genesis 1:1-2

Il-"gap (jew kif imsejjaħ, "ruin-reconstruction") theory" hija bbażata fuq interpretazzjoni debboli ħafna ta' l-Iskrittura.

It-tisfisra sempliċi u ħafifa ta' Ġenesi 1: 1-2 hija li meta Alla fil-bidu ħalaq l-art din kienet inizjalment bla forma, vojta, u mudlama, u l-Ispirtu t'Alla kien qiegħed hemm fuq l-ilmijiet. Kien permezz ta' tal-qawwa kreattiva Tiegħu lid-dinja kienet imbagħad "iffurmata u mimlija" progressivament matul il-bqija tas-sitt ijiem tal-ħolqien.



Ikkonsidra l-analoġija ta' fuħħari jagħmel vażun. L-ewwel ħaġa li jagħmel hija li hu jieħu ballun tat-tafal. Dak li hu għandu hu tajjeb, imma hu bla forma. Imbagħad, hu jiffur-mah f'vażun, juża r-rota tiegħu tal-fuħħari. Issa dan mhuwiex aktar bla forma. Hu mbagħad inixxfu, japplika kisja

tleqq, u jqiegħdu fil-forn. Issa dan huwa lest biex ikun mimli – bil-fjuri u b-ilma. F'ebda ħin ma wieħed mill-istadji jkun ikkonsidrat ta' deni jew ħażin. Dan kien għadu sempliċi-ment mhux lest – mhux iffurmat u mhux mimli. Meta dan kien finalment iffurmat u mimli, dan kien jista' jkun imfisser bħala "tajjeb ħafna."

Alla, naturalment ma kellux għalfejn jie-ħu **sitt ijiem** biex joħloq kollox imma Hu għamel dan bil-ħsieb bħala *mudell* għa-lina–għall-ġimgħa tagħna ta' sebat ijiem.

**Twissija**

Ħafna Kristjani sinċiera vvintaw interp-retazzjonijiet mill-ġdid ta' l-Iskrittura biex jevitaw konflitt ma' ideat "xjentifiċi." Il-"**gap theory**" kienet waħda mill-interp-retazzjonijiet mill-ġdid bħal dawn imfassla biex taqbel mal-konċetti xjentifiċi li qamu kmieni fis-snin 1800 u għadhom popolari llum ukoll.

Fir-realtà iżda, il-"**gap theory**" kienet "anestetiku" effettiv li poġġa l-knisja biex

torqod għal aktar minn mitt sena. Meta t-tfal li tgħallmu din il-pożizzjoni ta' komp-romess marru għal edukazzjoni aktar għol-ja, huma kienu xxukkjati biex isibu li din it-teorija ma kienet tispjega xejn. Huma għalhekk aċċettaw l-unika teorija "rispett-abbli" li kien baqa', evoluzzjoni (li marret id f'id ma' miljuni ta' snin). Ir-riżultati kienu s-soltu diżastrużi għall-fidi tagħ-hom.

Illum, pożizzjonijiet oħra ta' kompro-mess bħal "*ħolqien progressiv*" jew "*evol-uzzjoni teistika*" kienu, tista' tgħid, ħadu post il-"gap theory."[11] Il-"gappisti," billi jippruvaw biex isostnu Ġenesi letterali im-ma jibqgħu jżommu maż-żminijiet twal (miljuni ta' snin), fetħu l-bieb għall-kom-promess akbar fil-ġenerazzjoni ta' wara – l-interpretazzjoni mill-ġdid tal-jiem, Alla uża l-evoluzzjoni, eċċ. (Il-Knisja Kattolika Rumana wkoll, sfortunatament, inqabdet f'din in-nassa).

Imma kemm jekk tkun il-"gap theory," "ħolqien progressiv," jew "evoluzzjoni

tei-stika," ir-riżultati huma l-istess. Dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jkunu aċċettabbli f'xi knejjes, imma dawk tassew mgħallma fid-dinja sekulari, jidħku, b'xi ġustifikazzjoni, b'dawk li jħaddnuhom – huma jaraw l-inkonsistenzi.

***Il-"gap theory" anestetizzat il-knisja għal aktar minn mitt sena.***

Kristjani jkunu mwaqqa' għaċ-ċajt jem-mnu x'jemmnu dwar Ġenesi. Aħna nis-tgħu nagħżlu li nkunu ddisprezzati talli nemmnu l-ewwel ktieb tal-Bibbja bħala kif Alla intenzjonah li jkun mifhum, jew talli nemmnu f'pożizzjoni ta' kompromess li theżżeż is-sisien ta' l-awtorità tal-Kelma ta' Alla. Aħna nagħżlu ta' l-ewwel, jiġi-fieri, li nkunu "ddisprezzati talli nemmnu l-ewwel ktieb tal-Bibbja bħala kif Alla intenzjonah li jkun mifhum."

**Noti:**

1. Il-Bibbja titkellem dwar annimali u bnedmin li għandhom jew li huma *ne-phesh* (Ebrajk), jew ħajja tar-ruħ, f'diversi kuntesti jissuġerixxu ħajja konxja. Il-mewt ta' brama, per eżempju, tista' ma tkunx mewta ta' annimali *ne-phesh*.

2. Ken Ham, *The Lie: Evolution* (Green Forest, AR: Master Books, 1987), pp. 71-82.

3. H. Morris, "Why the Gap Theory Won't Work," *Back to Genesis*, No. 107, 1997, Institute for Creation Research, San Diego, California.

4. A.C. Custance, *The Doorway Papers*, Vol. 9 (Grand Rapids, MI: Zondervan, 1970), "The Flood, Local or Global?"

5. D.R. Humphreys, "Evidence for a Young World," *Creation*, 1991, 13(2): 46-50, wieħed jista' jikseb dan bħala fuljett ukoll.

6. Dan wkoll għandha effett fuq it-tifsir ċar ta' l-Iskrittura – jiġifieri, li l-Bibbja hija ċara u li tiftiehem għal Kristjani ordinarji f'dak kollu li huwa importanti.

7. Fields, *Unformed and Unfilled*.

8. R.B. Chisholm Jr, *From Exegesis to Exposition: A Practical Guide to Using Biblical Hebrew* (Grand Rapids, MI: Baker Books, 1998), p. 41.

9. *Strong's Concordance*, Hebrew word No. 4390.

10. C. Taylor, "What Does 'Replenish the Earth' Mean?" *Creation*, 1996, 18(2): 44-45, għal aktar dettalji fuq l-istorja tat-tifsira ta' "replenish."

11. Teorija stramba moderna tal-"gap" tinsab f'*Genesis Unbound*, minn J. Sailhamer, (Sisters, OR: Multnomah Books, 1996). L-awtur idaħħal il-maħ-suba miljuni ta' snin ta' storja

ġeolo-ġika f'Ġenesi 1:1, u mbagħad jistqarr lis-sitt ijiem tal-ħolqien jirreletaw għal l-art imwiegħda! Hu jgħid il-motiv-azzjoni tiegħu għal dan ir-resqan ġdid f'paġna 29: "Jekk miljuni ta' snin hu-ma tassew murija bis-sempliċi stqar-rija , 'Fil-bidu Alla ħalaq is-smewwiet u l-art,' allura ħafna mill-proċessi mfissra minn xjenzati moderni jaqgħu f'dak il-perjodu muri bil-kelma Ebraj-ka 'bidu.' Ġewwa dak il-'bidu' għand-hom joqgħodu iż-żminijiet bla għadd ġeoloġiċi, żminijiet tas-silg, u l-ħafna tibdil globali tal-klima fuq il-pjaneta tagħna. Il-ħafna epoki bijoloġiċi wkoll joqgħodu ġewwa 'l-bidu' ta' Ġenesi 1:1, inkluż iż-żminijiet twal li matul-hom id-dinosawri kienu jiġru fuq l-art. Maż-żmien li l-bnedmin kienu maħ-luqa fis-sitt jum tal-ġimgħa, id-dino-sawri diġa' kienu setgħu għaddew 'il quddiem u saru estinti – kollha matul il-'bidu' rreġistrat

f'Ġenesi 1:1." Ħaf-na mill-problemi mal-"classical gap theory" japplikaw ukoll għal dan l-attentat biex iqiegħed miljuni ta' snin fil-Bibbja.

## AKTAR DWAR ĠENESI 1:28—"REPLENISH"—KIENET L-ART IPPOPOLATA QABEL ADAM?

(1) *Introduzzjoni*. Alla kkmanda lil Adam u Eva biex "inisslu u joktru, u imlew l-art." L-istess kmand kien mogħti il Noè u l-familja tiegħu hekk kif ħallew l-arka (Ġenesi 9:1). Minħabba l-kelma Ingliża "replenish" u l-fatt li fil-każ ta' Noè hu kien

ikkmandat biex jerġa' jimla dinja li darba kienet ippopolata xi wħud sostnew lid-dinja kienet ukoll ippopolata qabel Adam u Eva.

(2) *Veduti Żbaljati*. Difenssur riċenti ta' l-hekk imsejħa "gap theory" huwa J. Sodlow Baxter li jitkellem dwar "bidla kataklizma b'riżultat ta' ġudizzju divin" u "imitazzjonijiet li jgħaqqduha ma' prova preċedenti u waqa' ta' anġli." Hu jgħid li huwa "faċli li temmen li f'epoki qabel il-bnedmin Satana (sa dak il-waqt għadu ma waqax) sata' attwalment kien il-prinċep li kellu dritt u appuntat divinament ta' din l-art, jippresiedi fuq speċi anterjuri (preċedenti) ta' kreaturi."[1] Baxter jara din "ir-ribelloni ta' qabel Adam u l-Luċifru[2] u l-kreaturi anġli msieħba" bħala li kienu mogħtija permezz ta' "indikazzjonijiet imċajpra" f'Isaija 14:9-17; Ġeremija 4:23-27 u Eżekjel 28:12-18.[3]

Il-biċċa l-kbira tat-teoristi "gap" jitkellmu dwar kreaturi ta' qabel Adam bħala Satana u l-anġli tiegħu. Il-kelliemi prinċipali kurrenti ta' din it-teorija, Arthur Custance, jiċħad li Ġenesi 1:28 jirreferi għal xi

razza ta' bnedmin qabel Adam.[4] Madankollu, kampjun aktar kmieni tat-teorija "gap," G.H. Pember, irrefera għal "razza qabel Adam" u "bniedem ta' qabal Adam" li wkoll kien jappartjeni għal dik id-dinja ta' l-ewwel żminijiet "bl-istorja mtabba' bid-dnub" tagħha stess. Hu saħanstira tant esaġera li identifika dawn il-kreaturi bħala d-demonji msemmija fit-Testment il-Ġdid (li hu ddistingwihom mill-anġli ta' Satana), igħid, "Ma jistgħux dawn l-ispirtu jkunu dawk li mxew fuq din l-art fil-ġisem qabel ir-rovina mfissra fit-tieni vers ta' Ġenesi?"[5]

Pember jikkonkludi li dawn il-kreaturi kienu separati mill-ġisem fid-dulluvju u kkunsinnati għall-fond ta' l-abbisi (Luqa 8: 31) tal-baħar, mil-liema post huma riedu kontinwament li joħorġu u jabitaw l-iġsma tan-nies. Fit-tmien taż-żmien huma, maħsub, li jkunu l-ewwel li jiġu 'l quddiem u jieqfu fil-ġudizzju, u dak hu għaliex il-"baħar" ikun l-ewwel li jagħti l-mejtin tiegħu qabel mal-mewt u post l-imwiet (Hades) jagħtu l-iġsma u l-erwieħ tal-bnedmin (Riv-

elazzjoni 20:13).

(3) *Analiżi u interpretazzjoni*. Ħafna minn dawk li jgħallmu t-teorija tal-"gap" setgħu ffrankaw wisq spekulazzjoni bla bżonn u żball li kieku huma kienu aktar attenti biex jiddeterminaw it-tifsira tal-kelma Ingliża "replenish" f'Ġenesi 1:28. Ukoll id-Dizzjunarju Webster jikkwota din il-kelma taħt id-definizzjoni tiegħu ta' *replenish* bħala "to re-people," jiġifieri, li tippopola mill-ġdid. Aħna għandna nammettu li etimoloġija (l-istudju ta' nisel, tifsir u storja tal-kliem) tal-kelma Ingliża hija mil-Latin *re* (terġa') u *plenus* (mimli), għalhekk it-tifsira "li terġa' timla."[6]

Iżda, il-kelma Ebrajka *malah* m'għandha ebda tifsira bħal din. Din tfisser biss li "timla."[7] U, hija sewwasew l-istess kelma tradotta "imlew" f'Ġenesi 1:22 fejn Alla jikkmanda l-ħut biex "jimlew l-ilmijiet fl-ibħra." Lanqas ma din tfisser "imla mill-ġdid" f'Ġenesi 9:1; imma, pjuttost hija ekwivalenti sempliċi biex "iġġib 'il quddiem abbundantament" (vers 7). Lanqas saħan-

sitra fin-New Scofield Reference Bible (li jappoġġja t-teorija "gap" ma għamel argument għal nies qabel Adam fuq il-bażi ta' Ġenesi 1:28, u dan saħansitra biddel it-test bażiku tiegħu tal-Verżjoni Re Ġakbu f'dan il-punt (u f'Ġenesi 9:1) billi ssostittwixxa "fill" ("imlew") minflok "replenish" ("imlew mill-ġdid"). Traduzzjonijiet oħra riċenti, bħal ir-RSV, in-NASB, u n-NIV għamlu l-istess.

Il-Bibbja ma tappoġġjax l-idea li Satana u/jew l-anġli tiegħu abitaw din l-art fiż-żmien tal-waqa' tiegħu. Mhuwiex biss li taqra bejn il-linji imma li tiktibhom ukoll biex tuża sezzjonijiet ta' Isaija kapitlu 14 u Eżekjel kapitlu 28 għall-waqa' oriġinali ta' Satana. Ix-xitan jew Satana mhuwiex irreferut għalih fl-ebda wieħed minn dawn il-passaġġi, lanqas Luċifru ma huwa ismu. Dawn il-passaġġi jiddenunzjaw is-slaten ta' Babel u tir. Lanqas Ġeremija 4:23-27 ma jiddeskribu qirda tad-dinja ta' l-ewwel żminijiet imma pjuttost it-tneħħija profetika ta' Ġuda (2 Slaten 24:14). L-idea kollha ta'

kreaturi qabel Adam, kemm jekk Satana u l-anġli tiegħu jew razza ta' nies jew annimali, igħixu fuq l-art qabel il-ġimgħa tal-ħolqien ta' Ġenesi kapitlu 1 u jġibu mewt u qirda hija inkorretta għalkollox. Għax il-Bibbja tgħid bl-aktar mod ċar li Adam kien *l-ewwel bniedem* (1 Korintin 15:54) u li l-mewt daħlet f'did-dinja bħa-la riżultat tad-dnub tiegħu (Rumani 5:12; 8:20-22; 1 Korintin 15:21).

**Noti:**

[1]J. Sidlow Baxter, *Studies in Problem Texts* (Grand Rapids: Zondervan Publishing House, 1960), pp. 189-190.

[2] Isaija kapitlu 14 u Eżekjel kapitlu 28 ma jitkellmux dwar il-waqa' oriġinali ta' Satana. Ix-xitan jew Satana mhuwiex irreferut għalih fl-ebda wieħed minn dawn il-passaġġi, lanqas Luċifru ma huwa ismu. Dawn il-passaġġi jiddenunzjaw is-slaten ta'

Babel u tir.

[3]J. Sidlow Baxter, *Explore the Book* (Grand Rapids: Zondervan Publishing House, 1960), p. 35.

[4]Arthur C. Custance, *Hidden Things of God's Revelation* (Grand Rapids: Zondervan Publishing House, 1976), p. 314. Ix-xogħol maġġur tiegħu jiddefendi l-"gap theory" huwa *Without Form and Void* (Ontario, Canada: By the Author, 1970).

[5]Pember, *op. cit.*, pp. 35, 67-73.

[6]*Webster's op. cit.*, p. 1534 u *Funk & Wagnalls Standard Desk Dictionary* (New York: Funk & Wagnalls Inc., 1977), p. 564.

[7]*Davidson, op. cit.*, CCCCLXXXVIII and Brown, Driver and Briggs, *op. cit.*, p. 570.

[8]Ara l-Introduzzjoni f'Leopold, *op. cit.*

[9]Jiena obligat lejn Henry M. Morris, *The Genesis Record* (Grand Rapids: Baker Book House,1976), pp. 21-22 għal ħafna mill-materjal li ġej.

# IL-“GAP THEORY”: MADANKOLLU KOMPROMESS FALZ IEĦOR TAR-RAKKONT TAL-ĦOLQIEN TA’ ĠENESI

“Kien fl-1814 li Dr. Thomas Chalmers ta’ l-Università ta’ Edinburgh li l-ewwel ippropona dak li sal-lum sar magħruf bħala l-“Gap Theory” ta’ Ġenesi 1:1. B’din l-interpretazzjoni tal-Bibbja, Dr. Chalmers ħass li hu kien jista’ jagħmel lok għal l-

ispazju wiesa' ta' żmien li l-ġeoloġisti taż-żmien tiegħu kienu qegħdin jitolbu, u fl-istess ħin iżomm interpretazzjoni letterali tar-rakkont tal-ħolqien….

"Billi l-"Gap Theory" ma taqbilx profondament ma' l-intrerpretazzjoni tradizzjonali Lhudija/Kristjana tar-rakkont tal-ħolqien, huwa ta' importanza kbira għal Kristjani li jemmnu fil-Bibbja biex jeżaminaw il-bażi skritturali tagħha. Saret id-dinja attwalment kaos irrovinat xi żmien wara il-ħolqien oriġinali tagħha? Kienu dinosawri u kreaturi oħra maqtula u ffosilizzati f'dan iż-żmien, biex b'hekk Adam u Eva kienu jsibu lilhom infushom mexjin, kif din kie-net, fuq ċimiterju ta' annimali estinti? Kien Satana diġa' sar 'l-alla ta' did-dinja' qabel ma Adam u Eva kienu mogħtija 'd-domin-ju' tagħhom? Kienu annimali li jgħixu preżentament, li jistgħu wkoll ikunu identifikati fil-formazzjonijiet tal-fossili, maħluqin mill-ġdid matul il-jiem imfissra fil-bqija ta' Ġenesi 1? Kien il-maħsub katastrofu ta' Ġenesi 1:2 saħansitra aktar qerriedi, u għal-

hekk ġeoloġikament sinifikattiv, mid-dulluvju ta' żmien Noè? Dawn u mistoqsijiet oħra bħalhom igħajtu għal tweġibiet solidi Bibliċi, speċjalment kif evoluzzjoni uniformitarja tissika l-qabda qerrieda tagħha fuq is-sistemi edukattivi taż-żmien tagħna, fuq kull livell."

Dab huwa l-kliem ta' Dr. John C. Whitcomb, Jr., fil-"bidu tiegħu" li huwa l-awtur tiegħu tal-ktieb eċċellenti minn Dr. W.W. Fields, *Unformed and Unfilled* (Baker, 1976), li assolutament iġib fix-xejn għal kollox il-konċett falz ta' l-hekk imsejħa "Gap Theory." Aħna mhux biss nirrikmandaw dan il-ktieb bil-qawwa kollha minn Dr. Fields, u l-wiri tiegħu b'mod studjuż tal-"Gap Theory," imma aħna naqblu b'qalbna kollha ma' Dr. Whitcomb li dawn is-suġġetti "igħajtu għal tweġibiet solidi Bibliċi." Huwa l-iskop ta' dan l-istudju biex nippreżentaw "tweġibiet bibliċi solidi" li jikkonfutaw kompletament il-"Gap Theory."

Il-"Gap Theory" (kif diġà rajna aktar

qabel u li jiena sejjer niddefinixxiha aktar tard) kienet għal l-ewwel darba pproponuta mill-mejjet Dr. Thomas Chalmers ta' l-Università ta' Edinburgh fl-Iskozja fis-snea 1814. Din kienet ippopolarizzata minn bosta kittieba matul il-mitt sena ta' wara, bħal Dr. George H. Pember fil-ktieb tiegħu, *Earth's Earliest Ages* (1876), u Dr. Harry Rimmer fil-ktieb tiegħu, *Modern Science and the Genesis Record* (1937). L-ewwel edizzjoni ta' *Scofield Reference Bible* (1917) ippopolarizzat aktar dan il-kunċett falz billi pprova biex jagħmlu għażla Biblika billi jsemmih fin-noti isfel murija fis-sezzjoni fuq Ġenesi 1.

Fi żminijiet aktar riċenti reliġjonisti oħra, kienu aċċettaw u bdew igħallmu l-"Gap Theory" (jew modifikazzjonijiet tagħha). Per eżempju, Dr. Arthur C. Custance igħallem il-"Gap Theory" fil-ktieb tiegħu, *Without Form and Void* (Brockville, Canada, 1970), u ppreżenta dak li ħafna jħossu li hija l-aqwa difiża tal-"Gap Theory" li qatt kienet imqiegħda fil-kitba. Fost dawk fil-

knisja li ssuġġerew il-falzità tal-"Gap Theory" huma rġiel bħal Robert Milligan fix-xogħol klassiku tiegħu, *The Scheme of Redemption* (Gospel Advocate, 1972 printing, pp 23f), u Dr. J.D. Thomas fil-ktieb tiegħu, *Evolution and Antiquity* (Biblical Research Press, 1961, pp 53,54).

Il-"Gap Theory" xi drabi mhijiex kollha faċli biex tiddefenixxiha. Difensuri tat-teorija u l-modifikazzjonijiet numerużi tagħha lanqas biss ma jistgħu jaqblu bejniethom infushom fuq definizzjonijiet u interpretazzjonijiet stretti. Madankollu, aħna sejrin nippruvaw niddefenixxu t-teorija, u sejrin nagħmlu dan fil-kliem tad-difensuri tagħha u ta' dawk li jipproponuha.

Il-"Gap Theory" tgħid li ħolqien ta' l-ewwel żminijiet ta' dinja perfetta minn Alla kif irreġistrat f'Ġenesi 1 sata' sar biljuni ta' snin ilu. Dan il-ħolqien huwa rrappreżentat bil-kliem ta' Ġenesi 1:1 – "*Fil-bidu, Alla ħalaq is-smewwiet u l-art.*" It-teorija mbagħad tgħid li bejn Ġenesi 1:1 u 1:2 "spazju" ("gap") kbir ta' żmien intervjena, u li matul

dan l-ispazju ("gap") hemm għexu ġenerazzjonijiet suċċessivi ta' pjanti, annimali, u wkoll nies ta' qabel Adam [xi veduti, bħal dawk tal-"Modified Gap Theory," iħallu barra n-nies]. Dan il-"ħolqien perfett" kien imbagħad magħmul **imperfett** permezz tad-dnub ta' Satana. Satana rribella u Alla keċċih mis-smewwiet, mas-segwaċi tiegħu (xi veduti wkoll iħallu barra ir-ribelljoni ta' Satana). B'riżultat tal-gwerra ta' Satana ma' Alla, kien hemm katastrofu kbir u Alla qered il-ħolqien oriġinali, fejn ħalla l-art fi stat ta' dlam u mewt ("bla forma u vojta" ta' Ġenesi 1:2). Imbagħad, f'Ġenesi 1:3-31 "il-jiem tal-ħolqien" huma attwalment "ħolqien mill-ġdid" ta' l-art u ta' l-abitanti kollha tagħha f'perjodu ta' sitt ijiem ta' erba'-għoxrin siegħa. Ġenesi 1, mela, jintqal lilna, fih storja ta' ħolqien oriġinali, ġudizzju, u rovina, u ħolqien mill-ġdid. [INNOTA: Il-"Gap Theory" għandha diversi sinonimi, bħal, (1) It-Teorija ta' Rovina-Ħolqien mill-Ġdid (Ruination-Re-Creation Theory), (2) It-Teorija ta'

Katastrofu Kbir Qabel Adfam (Pre-Adamic Cataclism theory), (3) it-Teorija ta' Rovina-Restituzzjoni (Ruination-Restitution theory), eċċ.]

## GĦALIEX?

Wieħed bilfors jistqasi l-mistoqsija, "G**ħaliex** nies jemmnu f'veduta artifiċjali u sfurzata bħal din ta' Ġenesi 1?" Dr. Henry M. Morris, fix-xogħol tiegħu, ***The Genesis Record*** (Baker, 1976, p 46) jipprovdi tweġiba tajba għal din il-mistoqsija. Hu jgħid: "L-iskop prinċipali tal-'gap theory' kien biex jippruvaw jarmonizzaw il-kronoloġija Biblika mas-sisrtema aċċettata ta' żmienijiet ġeoloġiċi li kienet qed issir prominenti fil-jiem ta' Chalmers. Ħafna fundamentalisti ħassew li huma kienu jistgħu jinjoraw is-sistema kollha nkwiet taż-żminijiet ġeoloġiċi ta' l-evoluzzjoni billi jpoġġu ż-żminijiet fil-barumbari ta' din il-'gap' u jħallu lill-ġeoloġisti li jkollhom iż-żminijiet (aeons) kollha li huma jridu." Richard Niessen, jikteb fil-ħarġa ta' Settembru, 1982 tal-

***Bible-Science Newsletter*** (pp 1, 2), jistqarr is-suġġett ċar meta hu jgħid: "Il-'Gap Theory' tappella għall-Kristjani li jemmnu fil-Bibbja għal; żewġ raġunijiet. L-ewwel, din hija mod kif tittratta mal-problemi maġġuri assoċjati max-xenarju evoluzzjonarju—l-allegata antikwità ta' l-art, il-kolonna ġeoloġika, fossili, dinosawri, nies ta' l-għerien, eċċ. L-istqarrijiet u problemi mhux imwieġba tax-'xjenza' huma sempliċiment impalati fil-'gap' (spazju) bejn Ġenesi 1:1-3 u huma rrelegati għal-art maħluqa qabel il-ħolqien….It-tieni, din tagħti d-dehra ta' studju profond tal-Bibbja billi din hija misjuba għal l-ewwel darba li biljuni ta' snin kienu moħbija b'mod inġenwu (sinċier) bejn żewġ versi ta' l-Iskrittura u dan il-fatt ta' l-għaġeb huwa issa rrivelat għal kulħadd biex jużah…."

Dr. W.W. Fields, fix-xogħol klassiku tiegħu li jirrifjuta l-"Gap Theory" (***Unformed and Unfilled***), huwa ċar ħafna fil-valutazzjoni tiegħu tar-raġuni **għaliex** nies jaċċettaw il-"Gap Theory." Hu jgħid: "xi

wħud kienu **intenzjonalment** abbandunaw l-implikazzjojnijiet ċari ta' l-Iskrittura lid-dinja u kull ma hemm fuqha, l-univers u dak kollu li hemm fih…kienu maħluqa ***ex nihilo*** (barra minn xejn) imma ftit ta' eluf ta' snin ilu. Oħrajn, f'xewqa mhux konxja, jew saħansitra konxja, biex jiksbu rispettabilità ma' dawk fl-għelieqi tax-xjenza li jwarrbu fil-ġenb kompletament il-Bibbja bħala mhux xjentika, għalhekk, bi ftit jew bl-ebda interess, mingħajr ma ntebħu x'kien qed jiġri, għamlu kompromess bil-veritajiet ta' l-Iskrittura billi fittxew dak li kien jidher li kien interpretazzjonijiet mhux naturali ta' l-Iskrittura, sabiex b'hekk jiffurmaw armonizzazzjoni **li tidher minnha iżda mhix** bejn il-**fatti** tal-Bibbja u dak li huma jħossu li huma l-fatti tax-xjenza, ħafna minnhom huma biss **teoriji**. Il-"Gap Theory" hija attentat biex jarmonizza bħal dan….Il-"Gap Theory" ma kinetx iġġenerata permezz ta' konsiderazzjonijiet eseġetiċi konvinċenti. Għal kuntrarju, din qamet fi żminijiet riċenti, u l-popolarità tagħha

kienet miżmuma għal raġuni waħda u waħda biss—il-fissazzjoni ta' mħuħ intimidati xjentifikament fuq armonizzazzjonijiet, prattika mhux biss bla fejda jekk id-dikjarazzjonijiet kollha tax-xjenza huma aċċettati mingħajr kritika, imma xi ħaġa perikoluża ħafna wkoll….Mhuwiex il-metodu l-aktar għaqli li tinterpreta l-Bibbja naturalment, letteralment, u bil-għaqal, qabel qatt tinvestiga kif din tista' jew ma tistax tikkoinċida mal-propożizzjonijiet preżenti tax-xjenza? Aħna hekk naħsbu!" [Enfasi fit-test oriġinali.]

## IL-"GAP THEORY" HIJA FALZA!

Teoristi tal-"gap" igħidu li ż-żewġ kelmiet Ebrajki li huma wżati biex jitkellmu dwar ir-rakkont tal-ħolqien **għandhom** ifissru ħwejjeġ differenti għalkollox. Jintqal lilna li l-kelma Ebrajka **bara** (użata f'Ġenesi 1:1, 21, 27) tfisser "li toħloq," waqt li l-kelma **asah** tfisser li "toħloq mill-ġdid" jew li "terġa' tagħmel." Għalhekk, jintqal lilna li l-ħolqien oriġinali kien "maħluq" waqt li

l-ħolqien tas-sitt ijiem kien "magħmul" (jiġifieri, maħuq mill-ġdid wara qirda inizjali). Teoristi tal-"gap" jemmnu wkoll li l-kelma "kienet" f'Ġenesi 1:2 għandha tkun tradotta "saret." Din it-traduzzjoni hija sfurzata sabiex tissuġġerixxi bidla ta' stat mill-ħolqien perfett oriġinali għall-kondizzjonijiet kaotiċi li hu maħsub li huma konklużi minn vers 2. Teoristi tal-"gap" jemmnu li "mingħajr forma u vojta" (Kliem Ebrajk **tohu wabohu**) jistgħu jirreferu biss għal xi ħaġa li darba kienet fi stat ta' tiswija imma issa irrovinata. Teoristi tal-"gap" jemmnu li kien hemm ħolqien qabel Adam ta' kemm forom umani kif ukoll forom mhux umani, u li dawn il-forom kienu meqruda permezz ta' ribelljoni Satanika **fuq l-art**.

Huwa tassew ta' niket li nies għandhom jitbaxxew għal "kliem qarrieqi bħal dan eseġetiku" biex iħassru t-tagħlim ċar tal-Bibbja biex b'hekk jakkomodaw presuppożizzjonijiet evoluzzjonarji. Il-"Gap Theory" (u l-modifikazzjonijiet tagħha) huma foloz!

**(1)** Eżodu 20:11 (Eżodu 31:13-17) jgħid

ċar, "*Għax **f'sitt ijiem** Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek Yaħweh **jum is-Sibt**, u qaddsu*" (enfasi miżjuda). Innota l-istqarrijiet kollha jinkludu. Jekk **kollox** kien magħmul f'sitt ijiem, allura **xejn** ma kien maħluq qabel dawk is-sitt ijiem! Il-Bibbja hija l-aħjar interpretu tagħha, kif dejjem. Dan il-vers wieħed ikisser u jġib fix-xejn il-"Gap Theory" u l-modifikazzjonijiet kollha tagħha. (Ara d-diskussjoni **(6)** minn paġna 52 fuq ***bara*** u ***asah***.)

**(2)** Adam hu msejjaħ "l-ewwel bniedem." "*U hekk hu miktub: **L-ewwel bniedem Adam** sar ruħ ħajja; l-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja*" (1 Korintin 15: 45). Dak jeskludi kull razza ta' nies qabel Adam! Adam kien ***l-ewwel wieħed***. Qablu ħadd ma kien hemm, inkella ma kienx ikun ***l-ewwel bniedem!***

**(3)** Fil-konklużjoni tas-sitt jum, Alla ra **kulma** Hu kien għamel, u ara kien "tajjeb ħafna" (Ġenesi 1:31). Jekk il-ħolqien oriġi-

nali ta' Yaħweh kien sar ikkontaminat permezz tar-ribelljoni ta' Satana, u konsegwentament meqrud—u l-ħolqien ġdid strieħ fuq oqbra ta' korruzzjoni—huwa tassew diffiċli biex tara kif Alla ssorvelja s-sitwazzjoni u mbagħad uża l-espressjoni "tajjeb ħafna" biex jiddeskriviha.

**(4)** Teoristi tal-"gap" jistqarru li l-kelma Ebrajka "kienet" (***hayetha***) għandha tkun tradotta "saret," tindika bidla ta' stat mill-ħolqien oriġinali perfett għall-kondizzjoni kaotika (v. 2). Madankollu ebda waħda mit-traduzzjonijiet tal-Bibbja li juru għerf ta' studju serju ma jittraduċu l-vers hekk, u għal raġuni tajba. Ftit tas-snin ilu, 20 skular prominenti ta' l-Ebrajk kienu mqabbda biex jaraw jekk kienx hemm xhieda eseġe-tika (it-tiftix u t-tifsir tas-sens li għandu jkollha l-kitba, l-aktar l-Iskrittura) ta' "spa-zju" ("gap") bejn Ġenesi 1:1 u 1:2. Huma wieġbu ***unanimament***, "**LE!**" (Ara *Modern Science and the Christan Faith*, kapitlu minn M. Henkel, 1950, p 49, n. 30). Fil-fatt, l-iskular ta' l-Ebrajk magħruf J.W.

Watts saħansitra qal: "F'Ġenesi 2a il-verb huwa perfett. Dan jindika stat iffissat u komplut. Fi kliem ieħor, materja oriġinali kienet fi stat ta' kaos meta maħluqa; din ġiet fl-eżistenza f'dak il-mod." (*A Survey of Old Testament Teaching*, Broadman, 1947, I, p 16). Harold Stigers, fil-kumment-arju tiegħu fuq Ġenesi, juri xi ħaġa ta' importanza kbira dwar dan: "It-teorija ta' katakliżmu (imsejħa wkoll teorija tar-resti-tuzzjoni) dwar vers 2 ma jista' jkollha ebda lok f'traduzzjoni xierqa. Il-kostruzzjoni 'saret vojta,' eċċ., mhijiex iġġustifikata bis-sintassi (it-tqegħid tal-kliem b'mod gramm-atikali fi frażijiet u ta' frażijiet f'sentenzi; ir-regoli ta' kif isir dan it-tagħqid) Ebrajka. Meta l-verb "li tkun" (*hayah*) ikollu jkun mibni bħala 'sar,' iż-żjieda tal-prepożizz-jonali lamedh hija meħtieġa mal-kelma li tiġi wara biex tipprovdi din it-tifsira, u din il-perpożizzjoni hija assenti hawn" (*A Commentary on Genesis, Zondervan, 1976, p 49*).

**(5)** Teoristi "gap" isostnu li l-frażi "bla

forma u vojta" ta' Ġenesi 1:2 (Ebrajk *tohu wabohu*) tista' tirreferi biss għal xi ħaġa li kienet darba fi stat ta' tiswija imma issa rrovinata. Għal dan, Dr. John Whitcomb iwieġeb: "Ħafna studenti tal-Bibbja, iżda, huma mħawda fl-istqarrija f'Ġenesi 1:2 li l-Art kienet bla forma u vojta. Jikkrea Alla ħwejjeġ li m'għandhomx forma u huma vojta? It-tweġiba, naturalment, tiddepen-di fuq xi jfisser dak il-kliem. 'Mingħajr forma u vojta' tittraduċi l-espressjoni Ebrajka *tohu wabohu*, li letteralment tfisser "vojt u bla forma.' Fi kliem ieħor, l-Art ma kinetx kaotika, mhux taħt saħta ta' ġudizzju. Din kienet sempliċiment vojta minn ħwejjeġ ħajja u mingħajr il-fatturi li aktar wara kell-ha, bħal l-oċeani u l-kontinenti, għoljiet u widien—fatturi li jkunu essenzjali għall-ġid tal-bniedem. Fi kliem ieħor, l-art kienet għadha mhix dar xierqa għall-bniedem…" (Cf.: *And God Created*, Vol. II Kelly Seg-raves, editor. 1973, pp 69, 70).

**(6)** Sabiex il-"Gap Theory" tkun saħan-sitra kkonsidrata bħala tassew, **għandu**

**jkun hemm** dejjem distinzjoni bejn iż-żewġ kelmiet Ebrajki, ***bara*** (li toħoloq) u ***asah*** (li tagħmel, tifforma, jew tagħmel mill-ġdid). Id-distinzjoni assoluta bejn ***bara*** u ***asah*** ma tistax tkun miksuba, madankollu, kif huma wżati li jistgħu jinbidlu f'Ġenesi 1. Ikkunsidra, per eżempju, li ġej:

(a) Ġenesi 1:26 jgħid li Alla "għamel" (***asah***) il-bniedem – "*U Alla qal: Ħalli **nagħmlu (asah)** l-bniedem fuq xbihietna, …*"; Ġenesi 1:27 jgħid li Alla "ħalaq" (***bara***) il-bniedem – "*Hekk Alla **ħalaq (bara)** il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu:…*" It-tnejn huma sinonimi; ma hemm ebda distinzjoni. Imma wieħed jista' jifhem dan biss jekk huwa jkun lesti li jħalli l-Bibbja tinterpreta lilha nfisha!

(b) Ġenesi 1:1 u 2:4 jgħidu li Alla ħalaq (***bara***) is-smewwiet u l-art, waqt li Eżodu 20:11 jgħid li f'sitt ijiem Alla "għamel" (***asah***) is-smewwiet u l-art – "*Għax f'sitt ijiem Yaħweh **għamel (asah)** is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom,…*" Barra dan, Ġenesi 2:4 innifsu juża ż-żewġ

kelmiet f'paralelliżmu: *"Dan hu n-nisel tas-smewwiet u ta' l-art meta* ***nħalqu****, fil-jum meta Yaħweh Alla* ***għamel*** *l-art u s-smewwiet…*" Dr. Whitcomb josserva sew-wa: "Dawn l-eżempji għandhom ikunu biżżejjed biex juru l-assurditajiet li aħna nkunu meħuda billi nagħmlu distinzjoni-jiet li Alla qatt ma intenzjona li jgħamel. Għal raġuni ta' varjetà u l-milja ta' l-es-pressjoni (karatteristika bażika u ta' għajn-una tal-letteratura Lhudija, Ebrajka), verbi differenti huma wżati biex iwasslu l-kon-ċett ta' ħolqien sopranaturali. Huwa par-tikolarment ċar li kull dell ta' tifsira hu x'inhu, il-verb pjuttost flessibbli **għamel** (***asah***) jista' jġib f'kuntesti oħra tat-Test-ment il-Qadim, fil-kuntest ta' **Ġenesi 1** dan jieqaf bħala sinonimu għal **ħalaq** (***ba-ra***)" (*The Early Earth*, Baker, 1972, p 129, enfasi fit-test oriġinali).

(ċ) Ġenesi 1:21 jgħid li Alla ħalaq (***ba-ra***) mostri kbar tal-baħar, waqt li vers 25 għamel (***asah***) id-dbejjeb ta' l-art.

Eżempji oħra jistgħu jingħataw biex juru kif ***bara*** u ***asah*** huma wżati b'mod sinonimu, imma dawn għandhom ikunu biżżejjed għal l-iskopijiet tagħna hawn. X'diffikultà jista' jkun hemm meta aħna nħallu l-Bibbja tinterpreta lilha nfisha?

**(7)** Aħna nafu li l-"Gap Theroy" li hija falza għaliex hija teħtieġ mewt u qirda fid-dinja (minħabba d-dnub) *qabel* Adam. Imma dan hu  f'kontradizzjoni diretta għat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid fejn naqraw:

(a) **1 Korintin 15:21-22** – "*Għax bħalma **bil-bniedem ġiet il-mewt**, bil-bniedem ukoll ġie l-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jarġa' jieħu l-ħajja fi Kristu.*"

(b) **Rumani 8:20-22** – "*Għax il-ħlejjaq kienu magħmulin suġġetti għall-frugħa, mhux għax iridu, iżda  minħabba dak li issuġġettahom fit-tama; Għaliex il-ħlejjaq ukoll jinħelsu mill-jasar tat-taħsir, u jaslu fil-ħelsien glorjuż ta' wlied Alla. 22Għax aħna nafu li l-ħolqien kollu jokrob*

*u jħoss l-uġiegħ tal-ħlas sa dan il-waqt.*"

(ċ) **Rumani 5:12** – "*Għalhekk, bħalma* ***bi bniedem wieħed id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt bid-dnub; u hekk il-mewt għaddiet għal fuq kull bniedem,*** *għax kollha dinbu.*"

Minn dawn wieħed jista' jara ċar ħafna lid-dnub u l-mewt daħlu fir-razza umana u fl-art permezz tad-dnub ta' Adam. Jekk il-"Gap Theory" hija tassew, allura l-appostlu Pawlu hu giddieb! U jekk l-appostlu Pawlu hu giddieb dan ikun ifisser li Kristu qarraq bih (Galatin 1:11-12). Ikun ifissiser ukoll li l-Iskrittura Mqaddsa mhix ispirata minn Alla (2 Timotju 3:16-17), u li l-Awtur tagħha mhuwiex tassew l-Ispirtu s-Santu (2 Pietru 1:20-21).

## KONKLUŻJONI

Hemm ħafna ħwejjeġ oħra li jistgħu jintqalu ma' dawk li aħna rajna dwar il-"Gap Theory" u l-falzitajiet li din tippreżenta. L-eseġesi Ebrajka involuta ma tistax tkun ta' difiża, il-ġenealoġiji jipprojbixxu

b’mod qawwi ammonti kbar bħal dawn ta’ żmien biex ikunu imdaħħla fit-test f’mod bħal dan, Ġesù Nnifsu qal li l-bniedem kien fuq l-art “*mill-bidu tal-ħolqien…*” (Mattew 19:4; Mark 10:6), eċċ., eċċ.

***Eżodu 20:11*** jieqaf bħala l-kummentarju ispirat divinament fuq x’għamel Alla u kif Hu għamlu:

> “***Għax f’sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba’ jum: għalhekk bierek Yaħweh jum is-Sibt, u qaddsu.***”

Aħna nirrepetu s-sentiment ta’ spiss jintqal rigward għal ħafna kompromessi li qegħdin jiġu offruti llum dwar ir-rakkont tal-ħolqien ta’ Ġenesi: L-intimidazzjoni ta’ psewdo-xjenza, xjenza mhux ġenwina, xjenza falza, m’għandiex tkunu biżżejjed biex tikkawżana li nwarrbu x-xhieda ispirata sabiex nakkomodaw il-ħsieb falz ta’ l-evoluzzjonisti u dawk li jissimpatizzaw magħhom!

Għalhekk:

"***Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.***" (Kolossin 2:8).

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:**


***Knisja Ta' Kristu***
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju tal-Bibbja: 7.00 p.m.